# IL-GAZZETTA TAL-GVERN

# 1813-1840

(MINN ĠUŻÈ GATT)

*(Ara Għadd 51-52 paġ. 12)*

Issa, wara li tajna ħjel żgħir ta' kif setgħet kienet taħdem il-Posta ta' dari, ingħaddu għall-Gazzetta u l-Istamperija tal-Gvern.

Fl-1823 naqas wieħed mill-Kompożituri li kien hemm fl-Istamperija. Dan kellu 623 skud, 3 rbgħajja u 12 il-ħabba fis-sena. Floku aktarx li laħaq xi ieħor mill-ħaddiema li kien hemm fl-Istamperija. Għedna hekk, għax ġie żmien li mhux biss naqas il-għadd tat-Turkolieri, minn tmienja li kienu, imma lanqas baqa' jissemma iżjed il-korrettur ta' l-Istampa, bla ma sibna meta dawn ġew imnaqqsa.

Mal-bidu tal-1824, fil-Gazzetta beda jinġieb id-dħul u l-ħruġ tal-bastimenti tal-gwerra, sew ingliżi kemm barranin. Dan it-tagħrif, għall-ewwel kien jidher bl-ingliż u bit-taljan, iżda wara Awissu beda jinġieb bl-ingliż biss.

Wara sentejn u ħames xhur li l-Gazzetta kienet ilha toħroġ darbtejn fil-ġimgħa, reġgħet waqgħet għall-ħajja ta' qabel, billi bdiet tidher darba biss kull nhar t'Erbgħa. L-ewwel għadd li ħareġ hekk, kien is-685, għadd li deher fit-12 ta' Mejju 1824. Bil-waħda baqgħet tinbiegħ irbigħi u nofs, iżda l-imseħbin bdew iħallsu 7 skudi u nofs fis-sena, flok l-10 skudi ta' qabel.

Bil-ħruġ ta' darba fil-ġimgħa, il-għadd tal-paġni tal-Gazzetta, issa kellu jibda jkun ta' erbgħa biss. Barra minn hekk, kif ġie mħabbar fil-għadd tal-4 ta' Mejju, kellhom ukoll jibdew joħorġu xi Supplimenti. Iżda dawn kellhom biss jidhru kull meta jaslu ħbarijiet ta' siwi kbir li l-ħtieġa tagħhom titlob li jiġu mħabbra malajr.

Għall-ewwel, il-Gazzetta ħabtet toħroġ kif ġie mħabbar, iżda wara li deher Suppliment wieħed biss, ma issuktatx toħroġ aktar minn dawn. Għalhekk, meta kienu jaslu l-aħbarijiet bdew jintrefgħu biex jidhru fil-Gazzetta. Iżda, imħabba l-kotra ta' ħbarijiet li kienu jiġu, ġie li l-Gazzetta ħarġet b'sitt paġni. Terġa', mit-18 ta' Awissu 1824 bdiet tidher aktarx bi tmien paġni u b'iżjed ukoll. Ftit kienu dawk id-drabi li ħarġet b'sitta, jew b'anqas. B'dana kollu, għalkemm il-Gazzetta kibret, il-ħlas tagħha baqa' xorta waħda bħal qabel.

Mill-ewwel Gazzetta tal-Gvern li ħarġet fis-27 ta' Ottubru 1813 sal-aħħar waħda li dehret fid-29 ta' Diċembru 1824, il-għadd tal-faċċati tagħha baqa' dejjem jissokta wara xulxin. Fuq hekk,

fiż-żmien kollu li semmejna, il-għadd tal-paġni tagħha laħqu 4187 faċċata, imqassma f'719 il-ħarġa tal-Gazzetta, barra minn xi ftit Supplimenti. Iżda mal-bidu tal-1825 qatgħet din id-drawwa, billi bdiet tgħodd mill-ġdid ma' dħul Jannar u l-għadd tagħalqu fi tmiem is-sena sewwa. Din il-biċċa baqgħet iġġeddidha f'kull sena, iż-żmien kollu li ħarġet wara.

Fl-1825, il-Gvern Ingliż beda jwitti t-triq ħalli jibda jmexxi l-flus tiegħu hawn b'liġi. Il-ħsieb ta' dan l-għamil tiegħu kien, biex ikun jista' jiġbor il-flus ta' Malta tar-ram li kien fadal jiġru fl-idejn. Għalhekk, fid-9 ta' Ġunju 1825, ħarġet Proklama biex il-flus ingliżi jibdew igħoddu kif jissarrfu l-lum: kull sold tnax-il ħabba u l-iskud 20 sold.

Biex il-Gvern Ingliż jissokta jasal li jwettaq il-ħsieb li kellu, ġagħal lill-Gvern ta' Malta li jibda jgħodd id-dħul u l-ħruġ tiegħu bi flus ingliżi—bil-liri, xelini u soldi. Qabel, il-Gvern ta' Malta dawn kien igħoddhom bl-iskudi.

Imħabba r-rieda li semmejna tal-Gvern Ingliż, tbiddel il-ħlas fis-sena ta' l-imseħbin fil-Gazzetta tal-Gvern. Jekk qabel kien 7 skudi u 6 rbgħajja, issa sar 12 il-xelin u 6 soldi. Il-bejgħ bil-waħda tbiddel ukoll, billi, minn irbigħi u nofs li kien, sar tliet soldi.

Iżda, jekk l-imseħbin bdew iħallsu fuq kif kienet tgħid il-Proklama tad-9 ta' Ġunju, il-bejgħ bil-għadd ġie għola sitt ħabbiet aktar fil-waħda milli kien imissu.

F'Awissu tal-1826 miet Henry Harper. Tax-xogħol li dan laħaq għamel f'din is-sena, bħala Editur tal-Gazzetta u Suprintendent ta' l-Istamperija, ħa £134. Floku ġie maħtur, fit-28 ta' Awissu, Charles Harper. Dan kien skrivan fir-Reġistru Pubbliku bil-ħlas ta' £185 fis-sena. Henry u Charles aktarx li kienu jiġu minn xulxin, billi t-tnejn iġibu "Harper".

Il-ħlas, bħala Editur tal-Gazzetta u Suprintendent ta' l-Istamperija, lil Charles beda jgħoddlu mill-1 ta' Settembru 1826. Ta' l-erba' xhur li għamel f'din is-sena, tawh £123. Iżda mill-1826 beda jieħu £257-3-0 fis-sena.

Id-dar fil-Berġa ta' l-Italja, Strada Britannica għadd 27, ġiet mogħtija lil Charles fit-8 ta' Ġunju 1827. Dan mar joqgħod fiha bħala Suprintendent ta' l-Istamperija.

Barra mill-ħlas li semmejna, Charles kien jieħu wkoll 4 xelini u 11 il-sold kull jum. Dawn kienu nofs il-ħlas li kellu ta' meta kien jaħdem bħala Deputy Assistant mal-Kummissarju Ġenerali.

Ftit wara li Charles Harper ħa t-tmexxija tal-Gazzetta f'idejh, din naqqset mill-paġni tagħha. Iżda dan in-nuqqas kien fl-1827 biss, għax wara reġgħet żiedet il-paġni mill-ġdid.

Bħalma rajna f'dak li għedna s'issa, il-Gazzetta mhux dejjem kienet tidher b'għadd ta' paġni xorta fil-ħruġ tagħha.

Dan it-taqlib kien iġib li kull sena ma taqbilx ma' oħra dwar dak li huwa għadd ta' faċċati. Għalhekk, waqt li fl-1825 ħarġet bi 392 paġna, fis-sena ta' wara dehret b'400; iżda fl-1827 niżlet fi 324, waqt li fl-1828 reġgħet kabbret il-għadd tal-paġni tagħha, billi għaqqdet it-390. Terġa', fis-snin ta' wara, issuktat tiżdied, billi fl-1829 dehret b'406 u fl-1830 b'430. B'dana kollu, għalkemm il-Gazzetta ta' sikwit kienet titbiddel fil-kobor tagħha, baqgħet tinbigħ xorta waħda dejjem.

* * *

Fl-1829 ġiet mill-Ingilterra li f'xi ħtijiet li jsiru, wieħed jibda jgħaddi ġuri. Qabel, meta xi ħadd kien jagħmel xi ħtija kbira, kien jiġi mressaq quddiem Imħallfin biss, bla ġurati xejn. Għalhekk, wara li ħarġet il-Proklama tal-15 ta' Ottubru 1829 li biha ġie mfisser kif kellu jibda jsir u jimxi dan il-ġuri, fil-Gazzetta bdew jinġiebu l-ismijiet tal-ġurati. L-ewwel għadd ta' ġurati li kellhom jiġu msejħa malli jkun hemm xi ġuri, deher fil-Gazzetta tad-9 ta' Diċembru 1829.

L-ewwel ġuri sar fil-15 ta' Frar 1830. U billi din il-biċċa kienet ġdida għal Malta, il-Gazzetta ġiebet kif kien dan il-ġuri, x'għamlu l-mixlijin u kif baqgħu. Terġa', biex tibqa' wkoll bħala tifkira ta' l-ewwel ġuri f'Malta, għarrfet min kienu dawk il-ġurati li ħadu sehem fih. U aħna, biex nagħmlu bħalha, inġibuhom hawn ukoll.

Dawn kienu l-Baruni Ġużè Marija de Piro, Charles Allingham, Cesare Vassallo, Thomas Coxe, Ġużè Balbi, Thomas Beverley u Lwiġi Galdes.

Mill-ismijiet tal-ġurati li ġibna, insibu, li dawn kienu erba' Maltin u tliet Ingliżi: sebgħa b'kollox. Iżda maż-żmien, mhux biss li tneħħew l-Ingliżi u baqgħu l-Maltin weħidhom, imma minn sebgħa, żdiedu u saru disgħa.

Issa, wara li tajna l-aktar ħjel ċkejken dwar il-bidu tal-ġuri f'Malta, ingħaddu għall-Gazzetta tal-Gvern.

Wara għaxar snin li l-Gazzetta kienet ilha li telqet il-bejta li kellha fi Strada Rjali, għadd 248, reġgħet waqgħet biex bdiet tinbigħ minn hemm mill-ġdid. Iżda issa hawn insibuh li kien sar ħanut tal-kafè ta' Ċensu Micallef. L-ewwel għadd li nbigħ minn hawn kien l-1038, għadd li ħareġ fit-22 ta' Diċembru 1830.

Fil-25 ta' Ottubru 1831, il-Ministru tal-Kolonji (Lord Goderich) bagħat igħarraf biex jitnaqqsu sebagħ liri u tliet xelini mill-ħlas ta' Editur tal-Gazzetta. Barra minn hekk, kellu jitnaqqas ukoll Turkolier mill-Istamperija. Iżda, bħalma n-nuqqas fil-ħlas kellu jsir meta jilħaq Editur ieħor ġdid, hekk ukoll it-Turkolier kellu jitbattal meta jispiċċa mix-xogħol għall-kollox xi wieħed milli kienu hemm.

Mas-sentejn wara li l-Gazzetta bdiet tinbigħ fil-Kafè ta' Ċensu Micallef, il-ħanut biddel is-sid. Ħadu f'idejh Saver Said. Dan indaħal ukoll biex jibda jbigħ il-Gazzetti hu. L-ewwel ma

nbigħ minn għand Said, kien is Suppliment li ħareġ fit-30 ta' Diċembru 1832 lill-għadd 1141 tal-Gazzetta.

Is-Suppliment li semmejna, barra milli jġib li kien jinbigħ fil-ħanut ta' Said, ġieb ukoll li l-Gazzetta wieħed seta' jixtriha mill-Istamperija tal-Gvern. Iżda mill-ewwel għadd tal-Gazzetta li ħareġ wara (1142), l-Istamperija ma ssemmietx aktar. Għalhekk baqgħet biss iġġib li tinbigħ minn għand Said. B'dana kollu, kull min kien imur l-Istamperija, naħsbu li kien jinqeda, billi minn hemm kienu jbiegħulu bil-waħda wkoll.

Ir-rieda ta' Lord Goderich, biex jitnaqqas Turkolier mill-Istamperija tal-Gvern, ġiet imwettqa fl-1833. F'din is-sena spiċċa mix-xogħol għall-kollox it-Turkolier Ġanpatist Decandia. Mis-£36 li kellu, ħa £25 fis-sena għal għomru. Iżda, għalkemm f'din is-sena kellu jitnaqqas Turkolier, fil-bidu tagħha żdied Kompożitur ieħor, wieħed ingliż. B'dan il-Kompożitur ġdid, il-ħaddiema ingliżi fl-Istamperija saru tlieta. Iżda billi f'Ottubru tal-1833 miet wieħed minnhom, f'Novembru li ġie wara, laħaq ingliż ieħor, bi £30 fis-sena.

F'Novembru tal-1833, lil xi wħud mill-ħaddiema fl-Istampepija, żieduhom fil-ħlas. Lill-Overseer Ġanpatist Gatt tawh £5-15-0 fix-xahar u lil wieħed mill-Kompożituri ingliżi, Mackenzie, għamlulu £3-17-2.

Fit-tfittix li għamilna, biex għaqqadna din il-ġrajja, ma rnexxilniex niltaqgħu ma' kemm kien il-għadd li l-Gvern kien jistampa mill-Gazzetta f'kull ħarġa tagħha. Imħabba f'hekk, f'din il-biċċa sa nibqgħu fid-dlam mill-1813 sal-1832. L-ewwel tagħrif li ġie f'idejna li setagħ jagħtina xaqq dawl, dwar dan li hawn fuq semmejna, kien dak li jitħaddet fuq is-sena tal-1833. Minn dan it-tagħrif nieħdu, li l-għadd 1153 tal-Gazzetta, għadd li ħareġ fis-6 ta' Marzu 1833, ġew stampati 425 waħda. Minnhom ġew mogħtija 98 waħda b'xejn; inbiegħu 67; tnejn intataw b'xejn lil sid il-ħanut tal-Kafè (Said); 183 tqassmu lill-imsieħbin; u 75 waħda baqgħu bla ma nbiegħu.

It-98 waħda li ntataw b'xejn, aktarx li ġew imqassmin fl-officini tal-Gvern u lil dawk in-nies li kienu jaħdmu miegħu.

Tagħrif ieħor li minnu wieħed setagħ jkattar id-dawl dwar f'kemm għadd kienet toħroġ il-Gazzetta, kien dak li ġie mogħti minn Charles Harper lill-Kummissarji; iżda fuq dan nitħaddtu meta jasal waqtu.

Bil-ħruġ tal-Gazzetta, il-Gvern mhux talli ma kienx qiegħed jaqta' sandar biha, ma' kull sena kien ikollu telf sewwa fiha. Bħal Gazzetta, nistgħu ngħidu wkoll għal l-Istamperija. Għalkemm il-Gvern neħħa xi għamliet ta' ħaddiema mill-Istamperija, din maż-żmien waqgħet biex jekk ma saritx ukoll ta' toqol għall-Kaxxa ta' Malta, il-qligħ li beda jibqa' minnha, ma kien isarraf xejn. Dil-qagħda li ġiet fiha l-Istamperija ma tixbaħ xejn lil dik ta' l-ewwel snin li fihom kienet toħroġ il-Gazzetta, kif iżjed lura konna wrejna f'din il-ġrajja.

Fil-bidu tal-1834 in-nies li baqgħu jaħdmu fl-Istamperija, barra s-Suprintendet u l-Overseer, insibu li kien fadal tnax-il ħaddiem. Ħamsa minn dawn kienu Kompożituri, wieħed iqassam il-Gazzetta u l-bqija Turkolieri.

Tlieta mill-ħames Kompożituri kienu ingliżi. It-tnejn l-oħra maltin. Iżda f'Marzu tal-1834 żdied Kompożitur malti ieħor.

Fost il-għadd tan-nies li kien fadal jaħdmu fl-Istamperija, ma baqgħux jissemmew aktar la l-Istampatur u lanqas il-Korrettur. F'liema żmien dawn kienu tnaqqsu, ma sibniex. Iżda, b'dan it-tqanċiċ kollu tal-Gvern, l Istamperija ftit li xejn kienet tħalli qligħ, bħalma sa nuru.

In-nefqa li saret fl-Istamperija tal-Gvern fis-sena tal-1835, kienet imqassma hekk :

| | | | |
|---|---|---|---|
| Suprintendent tal-Istamperija u Editur tal-Gazzetta | £257 | 3 | 0 |
| Overseer | 69 | 0 | 0 |
| Erba' Kompożituri li kellhom minn £3 sa £3-17-6 fix-xahar kull wieħed, u żewġ żgħażagħ oħra bi ħlas anqas | 218 | 2 | 8 |
| Ħames Turkolieri u Messaġġier bi ħlas ta' £3 fix-xahar | 216 | 0 | 0 |
| Nefqa ta' l-inka għal l-istampa | 9 | 0 | 0 |
| Infiq żgħir ieħor | 20 | 19 | 3 |
| B'kollox iġibu | £790 | 4 | 11 |

Nofs l-infieq li kien isir fl-Istamperija, jinħela fil-ħidma tal-Gazzetta, u n-nofs l-ieħor kien imur biex isiru x-xogħlijiet l-oħra għall-Gvern u n-nies. Għalhekk wieħed jaqsam is-£790-4-11 fi tnejn, kull wieħed daqs l-ieħor. Ma' sehem minnhom, li jġib £395-2-5½, inżidu wkoll £46-6-0 li kellu ħs-sena t-Traduttur tal-Gazzetta; £47-10-0 nefqa fil-karta għal l-istampa; £2-14-0 f'karta oħra għall-kitba u l-provi; u £6-14-8½ infiq għall-Gazzetti. B'kollox iġibu £498-7-2.

Mill-Gazzetta, il-Gvern kien ineħħi madwar 350 waħda bejn l-imseħbin li kellu u l-bejgħ tagħha. Mid-dħul tal-flus tal-Gazzetta u mill-ħlas ta' l-avviżi li dehru fiha, il-Gvern daħħal £354-0-10.

Mela, jekk mill-flus li ntħarġu, innaqqsu dawk li daħlu, insibu, li fl-1835 il-Gvern kellu telf ta' £144-6-4 mill-Gazzetta.

Mis-sehem l-ieħor ta' £395-2-5½ li kienu jinħtieġu għażżamma ta' l-Istamperija, wieħed inaqqas £329-12-9. Dawn il-flus il-Gvern kien daħħalhom minn għand in-nies ta' xogħlijiet li għamlilhom. B'hekk jiġi li jibqa' telfa ta' £65-9-8½ biss. Iżda l-Gvern, ma tul is-sena tal-1835, għamel xogħol għalih li kien jiswa madwar il-£200. Dan ix-xogħol ma kellux x'jaqsam mal-

Gazzetta. Li kieku l-Gvern ma kellux l-Istamperija tiegħu, dawn il-flus kien irid iħallashom lil xi Stamperija oħra biex jistampawlu dak kollu li kien jinħtieġlu għal ma' tul is-sena. B'dana kollu, wieħed ma għandux jaħseb li jekk jitnaqqsu il-£65-9-8½ telf li kien fadal mill-£200 xogħol li sar fl-Istamperija, il-Gvern jibqagħlu qligħ ta' £134-10-3½ fis-sena. Jekk wieħed jaħseb hekk, ma jkunx qiegħed iqis sewwa. Iżda ma' dak l-infiq li 'l fuq semmejna, magħmul mill-Gvern għaż-żamma ta' l-Istamperija tiegħu, wieħed għandu wkoll iżid u jgħodd l-imgħax ta' kull sena fuq il-flus li ntħarġu biex inxtraw it-torkji, tipi u ħwejjeġ oħra għal l-Istamperija. Terġa', ma' dawn wieħed irid ukoll iqis il-kera li setagħ jdaħħal il-Gvern mid-dar ta' fejn kienet l-Istamperija u s-Suprintendent tagħha.

Fiż-żmien li qegħdin insemmu (1835), ix-xogħol fl-Istamperija tal-Gvern kien għoli infern. Wieħed kien jaqbillu aktar li jistampa fi Sqallija, jew fl-Italja, milli hawn Malta. In-nefqa ta biex wieħed jistampa ktieb għand il-Gvern, kienet tiġi għolja darbtejn minn li kieku ġie stampat barra, fejn semmejna. Barra minn dan, billi l-Istamperija kienet żgħira, il-Gvern l-ewwel ma kien iħejji x-xogħol tiegħu; imbagħad wara, jekk jibqa' żmien, jagħmel tan-nies. Terġa', billi ġie li ħabat li t-Torkji kienu mgħobbija, xi drabi l-Gvern ma kienx jilqa' xogħol barrani. U meta kien jidħol biex jagħmel xi xogħol għan-nies, billi dan jitħalla minn jum għal l-ieħor, kien itul wisq. Iżda billi f'dak iż-żmien in-nies kienet taraha xi ftit bi kbira biex tibgħat xogħolha barra, kien ikollhom jitqannew bl-Istamperija waħdanija f'Malta li kienet tista' taqdi n-nies, dik tal-Gvern biss.

Meta wieħed kien irid jistampa xi ħaġa fl-Istamperija tal-Gvern, qabel kien jinħtieġlu jikteb lis-Segretarju Prinċipali biex jagħtih din is-setgħa. Dan kellu s-setgħa li ma jilqax it-talba ta' dak li jkun, bla ma jgħid il-għaliex. Iżda kullma kien jiġi stampat, qabel kien jiġi mifli u mgħarbel bl-akbar reqqa mis-Segretarju Prinċipali, jew mis-Suprintendent ta' l-Istamperija taħt għajnejn l-imsemmi Segretarju. Għalhekk, biex ħaġa kienet tgħaddi għal l-istampa, ma riedx ikun fiha: ebda tmegħir fuq il-Gvern ta' Malta, inkella fuq xi Gvernijiet oħra tas-Saltna Ingliża; ebda tmegħir fuq dawk il-Gvernijiet barranin li kienu ħbieb mal-Gvern Ingliż; ebda tilwim u tgħarbil dwar reliġjon; u ebda għajdut u tqassis fuq in-nies.

Iżda, jekk fl-Istamperija tal-Gvern ma kienitx tista' tiġi stampata l-ebda kitba tal-għamliet li semmejna, minn barra kienet tista' tiġi u tidħol hawn, kull xorta ta' kotba bla ebda lġiem ta' xejn. Biss dawn kienu jħallu l-wieħed fil-mija fuq is-siwi tagħhom.

*(Fadal)*